# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 18 ta' Jannar, 2024**

**Numru**

**Rikors Numru 1216/19TA**

**Joseph Fenech**

**vs**

**Awtorita' għat-Trasport f'Malta**

**U**

**Kunsill Lokali Naxxar**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Joseph Fenech (l-Attur) tad-19 ta' Diċembru 2019 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"1. Illi fis-27 ta' Frar 2016, l-esponenti Joseph Fenech kien qed isuq il-mutur tat-tip Honda bin-numru ta' registrazzjoni numru JBT392 fit-Triq is-Salini, (maghrufa bhala t'Alla u Ommu) gewwa Naxxar u dana matul il-lejl;

2. Illi l-esponenti kien involut f'incident tat-traffiku li sehh mal-ballards fl-imessi triq, fejn l-istess mittenti wegga' u konsegwenza ta' dan l-incident sofra danni fosthom (izda mhux limitament) ghal danni fizici li waslu ghal konvalixxenza twila, telf tal-introjtu u dissabilita' permanenti;

3. Peress illi dan l-incident sehh unikament minhabba ragunijiet imputabbli lilkom jew min minnkom inkluz imma mhux limitament minhabba traskuragni, tort, negligenza u nuqqas ta' dawl u senjalagg adegwat;

4. Illi peress illi l-ambjenti immedjati ta' fejn sehh l-incident l-intimati jew min minnhom lanqas hadu l-inkarigu li jixghelu u jdawwlu s-sit sabiex min ikun qed isuq ma jsibx ruhu f'sitwazzjonijiet perikoluzi ghas-sewqan;

5. Illi l-esponenti gia interpellat lill-intimati permezz ta' ittra ufficjali datata 26 ta' Jannar 2018, izda l-istess kkontestaw kull responsabbilita billi semplicement qalu li kull wiehed minn fost l-intimati ma kienx huwa li jahti ghal incident izda li kien jahti haddiehor minghajr ma indikaw minn kien dan 'l haddiehor u l'ghaliex kienu qed jahtu ohrajn u mhux huma ghan-negligenza grossolana li intuzat biex saru x-xoghlijiet f'dik it-triq kif hawn spjegat;

6. Illi per konsegwenza tal-mod perikoluz ta' kif twahlu l bollards u n-nuqqas tad-dawl u reflectors,fl-incident stradali li sehh kif inghad fis-27 ta' Frar 2016, l-esponenti Joseph Fenech sofra danni konsistenti ukoll fi hsarat konsiderevoli fil-mutur propjeta tieghu;

Jghidu ghalhekk l-intimati konvenuti jew minn minnhom ghaliex ma' ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara illi l-intimati jew minn minnhom huma responsabbli ghal negligenza u nuqqas ta' sinjalagg effettiv u kawtoletarju li ikkawza incident stradali in kwistjoni u b'konsegwenza tal-istess incident ghad-danni kollha li garrab l-esponenti;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-esponenti attur;

3. Tikkundanna lill-intimati jew minn minnhom ihallsu dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut in linea ta' danni.

Bl-ispejjez inkluzi dik tal-ittra ufficjali datata 26 ta' Jannar 2018 kontra l-intimati u b'hekk l-intimat jibqa' minn issa ngunt in subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta (l-Awtorita' konvenuta) tas-6 ta' Frar 2020 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. "Illi l-kawża fl-ismijiet fuq premessi tirrigwarda inċident awtomobilistiku illi allegatament seħħ nhar is-27 ta' Frar 2016 fi Triq is-Salina, magħrufa bħala it-'Telgħa t'Alla u Ommu', in-Naxxar, u illi

kien jinvolvi l-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni JBT392, misjuq mir-rikorrent;

2. Illi jiġi preliminarjament eċċepit illi l-Awtorita' mhix il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u dan stante li ai termini ta' **Artikolu 3** tal-**Avviż Legali 29 tal-2010,** it-toroq li jaqgħu taħt il-mansjoni tal-Awtorita' esponenti huma dawk arterjali u distributorji (u dan kif jidher ukoll mil-lista hawn annessa u mmarkata **Dok. TM1)**;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi assolutament mhux minnu illi l-esponenti aġixxiet b'xi mod negliġenti li kkawża l-inċident *de quo*, jew kienet b'xi mod taħti għall-inċident *de quo,* u dan kif jista' jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;

4. Illi in oltre, mingħajr preġudizzju għas-suespost, fi kwalunkwe każ l-attur għandu jġib prova tad-danni effettivi u attwali minnu allegatament sofferti;

5. Illi, fi kwalunkwe każ, u għal darb'oħra mingħajr preġudizzju għal dak premess, l-attur irid iġib prova tan-ness tad-danni allegatament sofferti max-xogħolijiet kif imwettqa mill-Awtorita' esponenti.

Għaldaqstant it-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat li l-Kunsill Lokali Naxxar għalkemm debitament notifikat skont il-liġi baqa' ma għamel ebda risposta ġuramentata u għalhekk waqa' fi stat ta' kontumaċja.

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda imressqa fil-perkors ta' din il-kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Dawn huma sempliċi. Fis-27 ta' Frar 2016 l-Attur kien qiegħed isuq il-mutur Honda bin-numru tal-pjanċa JBT392 fi Triq is-Salini (magħrufa

bħala t'Alla u Ommu) limiti tan-Naxxar. Miegħu fuq muturi differenti kien hemm żewġt iħbieb tiegħu li kienu ħarġu biex imorru dawra bil-muturi tagħhom.

**2.** Din hija t-triq li tagħti mis-Salini għan-Naxxar. Ġara li f'mument minnhom l-Attur ma rax xi bollards li kien hemm f'nofs tat-triq u meta prova jevitahom inqaleb u weġġa' gravament. L-inċident ġara tard fil-għaxija.

**3.** Issa l-Attur qiegħed ifittex lill-konvenuti jew min minnhom biex jagħmlu tajjeb u jħallsuh għad-danni li sofra. Fil-mutur ma kien hemm ebda ħsarat, id-danni huma fil-persuna tal-Attur u li huma tax-xorta permanenti.

**Punti ta' Liġi**

**4.** Il-kawżali u t-talbiet kif imfassla f'din l-azzjoni huma diretti sabiex jimputaw culpa aquiliana lill-konvenuti, għad-danni li l-Attur jallega li soffra u qed isofri konsegwenza tal-ħsara li huwa ġarrab fuq il-persuna tiegħu f'dan l-inċident.

**5.** Il-liġi tikkontempla danni naxxenti minn culpa aquiliana fl-artikoli 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. F'azzjoni bħal din jispetta lill-Attur li jġib il-prova tal-ħtija u li tassew ġarrab id-danni. L-Art 1031 tal-Kap 16 jistabilixxi illi "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu". Din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana tiskatta l-prinċipju illi

min ikun l-awtur tal-ħsara huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li l-att iġib miegħu.

**6.** Il-liġi ġenerali tagħna ma tagħtix tifsira ta` culpa iżda bħala effett tal-Art 1032(1) tal-Kap 16 tidentifikaha bħala mġieba fejn jirriżulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-bonus paterfamilias. F'dan ir-rigward l-ermenewtika ġurisprudenzjali lokali tgħallem li "min ifittex għad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuża iżda li dak l-istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta` kawża u effett mad-danni sofferti" (ara **Kollez. Vol. XXX. I. 142**). L-istess Sentenzi jkomplu jispjegaw li *"l-kolpa fil-każ ta` fatt dannuż li minnu toriġina l-azzjoni akwiljana tavvera ruħha filli wieħed jagħmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuż ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett"* (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**).

**7.** Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta` diliġenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuż; "*prevedibilita` din li trid tkun ta` probabilitajiet raġjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili"* (ara ukoll **Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**). Fis-Sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIV. I. 172**, ingħad li hemm l-culpa: "*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene."*

**8.** Di piu fis-**Sentenza fl-ismijiet Michael D`Amato noe -vs- Filomena Spiteri et deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta` Ottubru 2003**, b`riferenza għall-Art 1031 tal-Kap 16, intqal hekk li:-

"*Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extra kontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennuncja l-principju in virtu ta` liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu. Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew culpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghan-nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta` tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali".*

**9.** Filwaqt fis-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta` Diċembru 2015 fl-ismijiet Paul Azzopardi et -vs- Charles Grech et** kien eluċidat is-segwenti:-

" … *jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 talistess Kodiċi. Illi huwa prinċipju ewlieni f`azzjoni ta` danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għamil ta` ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x`inhi l-*

*'ħtija', madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f`għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja."*

**10.** Ovvjament dak li huwa rikjest hu li jkun hemm xi xorta ta' kulpa biex anke ente pubblika tiġi miżmuma responsabbli għad-danni li jista' jsoffri utent u f'dan ir-rigward din ġiet spjegata hekk: "*E' detta colpa in senso generale della nostra scienza qualunque violazione di un obbligo giuridico; anche la violazione dolosa. In senso piu' ristretto la parola colpa esclude il dolo, e significa volontaria omissione di diligenza, per cui non prevediamo le conseguenze illecite di una commissione od ommissione, e violiamo senza avvedercene un nostro dovere giuridico. Pero', si dice, che l'inadempimento dell'obbligazione dipende da colpa, quando sebbene la causa dell' inadempimento sia stata l'opera del debitore medesimo, costui non ne abbia avuta la coscienza, e solo abbia mancato di quella diligenza, che egli era tenuto di usare."* (**Giorgio Giorgi ,Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italinao ed. 1903 vol. II. # 18 p.32 – 33 ara ukoll f'dan ir-rigward Giovanna Visintini , Trattato Breve della Responsabilita' Civile, Cedam, pg 655 , 1996 Ed**).

**Konsiderazzjonijiet**

**11.** Kif diġa' rilevat, il-fatti ma jippresentawx xi kumplikazzjoni partikolari. Pero' bħal dejjem, f'kawżi bħal dawn il-Qorti għandha l-ewwel tgħaddi biex tiddetermina r-responsabbilita' u wara, jekk ikun il-każ, tgħaddi għall-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-Attur.

*Responsabbilita'*

**12.** Il-kawża tal-inċident kienu mingħajr ebda dubbju l-bollards li kien hemm f'nofs tat-triq. Dawn huma x-xorta ta' bollards li meta jintlaqtu suppost jirrimbalzzaw lura u li minnhom illum naraw fit-toroq ta' Malta. Meta jitweħħlu dejjem ikunu sbieħ, ikkuluriti u florexxenti mal-lejla sakemm ma jitħammġu kemm bit-dħaħen tat-traffiku u anke bit-tjun u materjal ieħor li jħammeġ fl-arja. Din hija marda endemika għall-pajjiżna, li senjalatika stradali li titweħħel fil-bidu tkun tidher miżmuma tajjeb iżda wara ċertu żmien ma jsiru ebda manutenzjoni u ħasil tagħhom, biex jibqgħu sbieħ u effettivi bħal l-ewwel darba li tweħħlu.

**13.** Din hija s-sitwazzjoni li għandha quddiemha din il-Qorti fil-każ odjern. Dan jirrisulta ċar mir-ritratti esebiti (a' fol 26 sa 34). Jidher ċar li dawn il-bollards ma humiex miżmumin tajjeb u wisq anqas is-sinjali li hemm mal-art.

**14.** Skond l-Attur it-triq hija mudlama u dawn il-bollards maħmuġin mingħajr xi indikazzjoni ta' dwal (a' fol 24). F'dan ir-rigward Mark Grech li kien fuq mutur ieħor dak in-nhar tal-inċident, jgħid li "*minn din it-triq hemm kantuniera li hija kantuniera kerha hafna. U fin-nofs hemm il-cones. Sfortunatment dawn il-cones ma jidhrux, u ghadhom sal-gurnata imqaddsa tal-lum ma jidhru xejn. Dawn jithammgu, huma homor bil-lejl, it-triq hija mudlama u ma jidher xejn ghall-ebda raguni ma jidhru dawn*. " (a' fol 78 tergo u 79). Dan jikkonferma ukoll dak li qal l-Attur, li kienu għaddejjin bil-mod u li l-Attur tkaxkar xi distanza ta' żewġ metri (a' fol 79

tergo u ara ukoll 681 tergo). Jgħid li kienu jgħaddu minn dik it-triq u jgħid li personalment hu kien jaf bihom. Jgħid ukoll li llum dawn il-bollards għandhom reflector, għalkemm ma tantx jibqgħu jidhru għax jitħammġu (a' fol 87).

**15.** Dennis Cuschieri, li ukoll kien qiegħed isuq mutur, jikkonferma li ma kienux għaddejjin bi speed (a' fol 81). Dan ix-xhud jispjega li "*Dak il-hin x'hin rajtu jaqa' ma tobsorx ma xhiex imma imbaghad x'hin waqafna nara dawn il-poles homor jitghawwgu. Imma suwed fahma.*" Dan ix-xhud ikompli jaghti spjegazzjoni *"Ghax jaqbduhom hafna trakkijiet, hemm hekk biex jidhlu ghal Maghtab, <u>suwed fahma, reflectors ma kellhomx</u> …. ghax huma jitghaffgu bil-karrozza u jergghu jitilghu f'posthom imma karrozza tibqa' ghaddejja imma mutur"* (a' fol 89 u 89 tergo Emfażi tal-Qorti).

**16.** Li dawn il-bollards kienu jintlaqtu jikkonferma anke l-Attur meta jixhed li oriġinarjament hemm tnejn oħra bollards imma dawn kienu imqaċtin għax għadek tista' tara fejn kienu (fol 678). In kontro eżami jixhed b'mod aktar speċifiku dwar il-mekkanika tal-inċident meta jgħid "*jien kif miexi mal-line din xi metru u metru u xi haga zghira 'l boghod rajt din qiesha kanna, ghalija kanna rajtha dak il-hin ghax griza sewda, mahmuga bla dawl, dawwart l-isteering biex niskapulha u l-mutur telaqli minn quddiem*" (a' fol 676).

**17.** Kwantu għall-illuminazzjoni tat-triq, apparti ix-xhieda tal-Attur u ta' dawk li kienu miegħu, P.S Alan Buhagiar, li ilu surġent fid-distrett tan-Naxxar jgħid, li f'din it-triq kienu jsiru inċidenti għax qegħda f'kurva hemm

(a' fol 229 tergo). Fir-rapport tiegħu jgħid "Darkness. No street lights". (a' fol 568). Li ma kienx hemm dawl jirrisulta anke mir-ritratti għalkemm 'l fuq minn fejn ġara l-inċident jidher li kien hemm xi dawl, iżda skont din il-Qorti dan ma jikkumpensax għall-assenza totali ta' dwal f'din it-triq (ara ritratt a' fol 31). Issa skont paġna 73 tal-Highway code jirriżulta li "*Traffic signs are generally reflectorised so as to show up under headlights at night*." Pero' din il-Qorti tifhem li dawn għandek tarahom minn ċerti distanza u mhux kif tasal qribhom bħal ma huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti tant li minħabba l-ilwien tagħha l-Qorti temmen lill-Attur li tassew ħasibha kanna u li għalhekk kellu jagħmel il-manuvra fatali li waslet għall-inċident.

**18.** Issa jidher li bħal donnha l-Awtorita' intimata qed tipprova tgħid li li anke jekk dak li qed jgħid l-Attur huwa minnu, ġaladarba huwa kien jaf bl-esistenza ta' dawn il-bollards messu qagħad attent. Fl-ewwel lok jirrisulta li l-Attur ma kienx għaddej b'xi veloċita' eċċessiva u l-anqas hija difiża li tgħid "Kont taf biħom messek rajthom". Pero' minn naħa l-oħra l-istess Attur jixhed li din kienet l-ewwel darba li għadda bil-mutur minn dik it-triq għaliex fejn jista' jevitaha (a' fol 675). Imma anke li kieku, il-fatt li kien jaf bihom ma jeżonorax lill-konvenuti jew minnhom mill-fatt li għemilhom kien negliġenti. Għalhekk il-Qorti, la tara li kien hemm responsabbilita' ta' negliġenza tal-Attur u l-anqas li b'xi mod ikkontribwixxa għall-inċident, għaliex it-toroq għandhom dejjem ikunu ħielsa minn kull perikolu, indipendentement mix-xjenza o meno dwar perikoli li tippresenta dik it-triq. Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax li li anke kif xehed il-kuntistabbli,

din it-triq hija trappola għall-inċidenti u li fiha jiġru ħafna inċidenti. B'dana kollu ma jidher li sar xejn effettiv biex inċidenti bħal dawk tal-Attur jiġu evitati.

**19.** Stabbilit li l-Attur mhux responsabbli għall-inċident, jmiss jiġi determinat min miż-żewġ konvenuti huwa responsabbli.

**20.** Skont il-Perit David Vassallo Head of Unit Maintenance f'Infrastructure Malta,Triq is-Salina, fejn seħħ l-inċident kwantu jirrigwarda l-manutenzjoni ta' din it-triq, din taqa' taħt il-Kunsill Lokali tan-Naxxar (a' fol 653). Skontu din tistabilixxiha l-liġi. Dan jgħid ukoll li d-definizzjoni ta' manutenzjoni tinkludi kollox anke *furnishings* u kif ukoll senjalatika. Kwantu għal dawl huma l-Kunsilli jew l-Enemalta jew bi ftehim bejniethom (a' fol 654). Dr. Mariella Silvio, mid-Diviżjoni tal-Kunsilli Lokali, tixhed li Triq is-Salina kienet responsabbilita' tal-Kunsill Lokali Naxxar (a' fol 693). Tikkonferma li minn Dok MSI jidher li Triq is-Salina taqa' fil-kompetenza tal-Kunsill Lokali Naxxar u fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2022 tikkonferma, li għalkemm il-bollards jitweħħlu mill-awtorita intimata, l-manutenzjoni tagħhom hija obbligu tal-Kunsill skont art 33(1)(d) tal-Kap 363 tal-Liġijiet ta' Malta (a' fol 705 tergo). Brian Farrugia Uffiċjal ma' Transport Malta jixhed li Triq is-Salina ma taqax taħt il-kompitu ta' Transport Malta għax mit-2018 'l hawn Transport Malta m'għadhiex tieħu ħsieb it-toroq u l-manutenzjoni tagħhom. Jgħid li fid-data tal-inċident ovvjament kienet bħal Awtorita' tieħu ħsiebha. Pero' fejn ġara l-inċident mhux triq li taqa'

taħt il-kompitu tal-Awtorita għaliex ma hiex arterjali u distributorja. Taqa' taħt il-Kunsill Lokali (a' fol 656).

**21.** Fl-aħħar nett il-Qorti tfakkar li l-Kunsill Lokali huwa ente morali ddotat mil-liġi (Kap 363 tal-Liġijiet) b'personalita' ġuridika bil-ħila li tagħmel u tissubixxi kawżi, għalhekk it-tagħlim fuq imsemmi huwa ukoll applikabbli għalih. Pero' b'żieda mal-prinċipji ġenerali enunċjati fil-Kodiċi Ċivili, Kunsill Lokali għandu ukoll obbligi speċjali. Fir-rigward taż-żamma tajba tat-toroq, b'referenza għal dak li qalet ix-xhud Mariella Silvio, din insibuha f'artikolu 33(1)(b) tal-Kap 363 tal-liġijiet ta' Malta fejn fost ir-responsabilitajiet li għandu Kunsill Lokali insibu li tirreferi fost oħrajn: "*fir-rigward ta' kwalunkwe triq, li tipprovdi l-knis, tindif u qtugħ ta' ħaxix ħażin, tindif ta' <u>sinjali stradali u dwal stradali</u>, il-ġbir u t-tneħħija ta' kull skart, iż-żamma tal-indafa u l-manutenzjoni u ż-żamma tal-konvenjenzi pubbliċi kollha, tal-bramel taż-żibel u ta' reċipjenti oħra għad-depożitu temporanju u għall-ġbir ta' skart u li taċċerta li dawn huma kollha aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jagħmlu użu mis-siġġu tar-roti.*" (emfażi tal-Qorti).

**22.** Ma għandu jkun hemm għalhekk ebda dubbju li Kunsill Lokali huwa Awtorita' Pubblika u fil-kuntest ta' użu sigur tat-toroq dawn il-Qrati jgħallmu hekk: "… *kien jinkombi b'dover fuq l-awtorita' pubblika, u dan jgħodd ukoll għall-enti pubblika, responsabbli minn ċerti xogħlijiet, illi tassikura li l-użu tat-triq u l-flow of traffic jiġu żvolti mingħajr perikoli jew insidji. Dan bl-operat ta' dawk il-miżuri prekawzjonali li jħarsu l-*

*inkolumita` ta' l-utenti jew tal-pedestrians li jkunu qed jagħmlu użu mit-triq. Hekk per eżempju billi tipprovdi guard rails, barriers u senjalazzjonijiet oħra adegwati…..Jekk l-awtorita' jew enti pubblika tonqos f'dan tista', u għandha, issib ruħha rinfaċċjata minn domanda għar-riżarċiment tad-danni, kif hekk inhu proprju l-każ in speċje."* (Ara sentenza **fl-ismijiet Richard Fenech -vs- Rook Construction Limited et, Prim'Awla tat-3 ta' Ottubru 2003**).

**23.** Dan ifisser illi f'dan il-każ ir-responsabbilita' taqa' fuq il-Kunsill konvenut mentri l-Awtorita' konvenuta ser tkun illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

*Likwidazzjoni tad-danni*

**24.** Id-danni klassikament dejjem jitqiesu li jaqgħu f'żewġ kwalitajiet: dawk li huma danni effettivi (*damnun emergens*) u dawk li jikkonsistu f'telf fil-futur (*lucrum cessans*). Dan joħroġ anke minn dak li jiddisponi artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk:

"*Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib.*" (emfażi tal-Qorti).

**25.** Pero' din il-Qorti tagħti ukoll importanza partikulari għall-prinċipju tar-*restitution ad integrum*, fis-sens li l-vittma għandha titqiegħed fil-posizzjoni li kienet qabel ma seħħ l-inċident. Il-Qorti hija konxja li dan il-prinċipju għandu aktar minn natura ta' dak li hu mixtieq, għaliex huwa prattikament impossibbli li wara inċident gravi, l-persuna terġa' titqiegħed fl-istat psiko-fiżiku li kienet fih qabel seħħ l-inċident.

**26.** Billi persuna tiġi kkumpensata b'somma flus, xorta qatt ma tibqa' sħiħa, b'uħud mill-fakoltajiet fisiċi jibqgħu mankati għall-għomorha. L-għotja ta' flus, kbira kemm tkun kbira, qatt ma tista' tirrintegra lill-vittma għall-istatus quo ante fisiku u psikoloġiku. Jekk l-Attur kien jipprattika sport, dan ma hux ser jagħmlu aktar, u jekk kellu l-ħila li jkollu żewġ impjiegi, issa bil-kemm wieħed peress li ma għadux jiflaħ fuq saqajh bħal ma seta' jagħmel qabel l-inċident. Mhux ħtija tiegħu li ma baqax bniedem bil-ħiliet u kapaċitajiet li kellu qabel l-inċident. Għalhekk dan l-aspett għandu wkoll jittieħed kont tiegħu billi tiġi allokata somma oħra biex ittaffi ftit minn dan in-nuqqas apparti is-somma li solitalment tiġi likwidata fuq il-prinċipji stabbilit f'Butler -vs- Heard.

**27.** F'dan ir-rigward Munkmen isemmi l-każ ta' Heil -vs- Rankin fejn intqal hekk: "*The Court's approach involves trying to find the global sum which most accurately in monetary terms reflects or can be regarded as reflecting a fair, reasonable and just figure for the injuries which have been inflicted and the consequences they will have…*" (Ara **Munkmen on Damages for Personal Injuries and Death 12th ed, Lexis Nexis, pg 3**).

**28.** Għalhekk, din il-Qorti, apparti li ser tkun qed tillikwida somma fuq il-linji li evolvew b'Sentenzi li ġew wara Butler-vs-Heard, ser tkun qed tagħti somma oħra, biex tagħmel tajjeb għat-telf tal-integrita' psiko-fiżika u soċjali tal-persuna, integrita' li tikkomprendi t-taqlib li jkun ġab miegħu l-inċident fil-ħajja ta' dak li jkun. Din is-somma ma għandhiex tkun konfuża mal-prinċipju tad-danni morali għaliex filwaqt li din tal-aħħar hija primarjament marbuta ma' eventi non materjali, bħal ma huwa l-uġiegħ ossia "pain and suffering", tal-ewwel hija biss kumpens għall-fatt ta' telfien materjali u fiżiku tal-ġisem fih innifsu.

*Damnum Emergens*

**29.** Minn dak li għandha fil-proċess il-Qorti, dan ix-xorta ta' dannu jammonta għal €854 (ara a' fol 621 sa 626). L-Attur fl-2015 kellu salarju ta' €23,074 fis-sena li minnhom iridu jitnaqqsu €1,396 bollol (a' fol 580). Dan ifisser li kellu salarju nett ta' €21,678. Għas-sena 2016 is-salarju gross kien ta' €10,725 gross u nett €9,514 għalhekk ifisser li f'dik is-sena għamel telf ta' €12,164. Fis-sena 2017 kellu salarju gross €8771 u nett €7203 għalhekk għamel telf ta' €14,475. Għas-sena 2017 telf ta' €14,475 bħal dik preċedent. Għas-sena 2018 telf ta' €20,906. (ara a' fol 580 sa 583). Skond rappresentant tal-Micro Electronics dan jgħid li wara 2018 ma għandu ebda dokumenti meta spiċċa (a' fol 579 tergo). Għas-snin 2019 ma jidhirx li hemm provi. Issa minn dan l-ammont iridu pero' jitnaqqsu l-benefiċċji soċjali li tħallsu lill-Attur li jammontaw għal €27,338 (a' fol 586). Dan ifisser li telf f'salarju tilef €34,682. Ma dan jingħadd l-

ammont l-ieħor fuq imsemmi ta' €854 biex għalhekk id-damnum emergens huwa dak ta' **€35,536**.

*Lucrum cessans*

**30.** Il-prinċipji prinċipali huma s-segwenti tal-mod kif għandu jkun likwidat it-telf fil-futur.

**31.** L-ewwel u qabel kollox il-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attur sejjer ikun affettwat 'il quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f'saħħtu. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita', dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba.

**32.** Sabiex il-Qorti tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet. B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li

donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed.

**33.** Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "partial wreck cases", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident.

**34.** F'dan ir-rigward din il-Qorti temmen li trid tiddistingwi bejn żewġ sitwazzjonijiet. Is-sitwazzjoni fejn minkejja l-perċentwal ta' diżabilita` permanenti dan ma jipprekludix lil dak li jkun jissokta fil-ħajja lavorattiva tiegħu u dik is-sitwazzjoni l-oħra fejn apparti l-perċentwalita' ta' diżabilita' l-persuna ser tkun għal bqija tal-ħajja lavorattiva tagħha inkapaċi li twettaq kull xorta ta' xogħol. F'din l-aħħar sitwazzjoni l-Qorti, minbarra li taħdem fuq id-diżabilita' bis-solitu formula ta' likwidazzjoni ta' danni, għandha tagħti ukoll somma oħra, li għandha tkun imħollija fid-diskrezzjoni u sens ta' ġustizzja tal-ġudikant li jistabilixxi din is-somma x'għandha tkun skont iċ-ċirkostanzi li jkollu quddiemu. Il-Qorti aktar 'l fuq diġa' għamlet aċċenn għall-prinċipju riparattiv tal-integrita' psiko-fiżika tal-vittma.

**35.** Qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-Attur bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena. Il-kwestjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-Attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa.

**36.** Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases*" (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128** ).

**37.** Huwa wkoll stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara Sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi.

Il-multiplier

**38.** Illum huwa stabbilit li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-Sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi **Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012** il-Qorti kellha dan xi tgħid:

"*Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni".*

**39.** Iżda l-figura użata għall-iskop tal-multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerċ fis-**Sentenza Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963** fejn kienet qalet hekk:

"*f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat.*".

**40.** Fil-mument tal-inċident l-Attur kellu 51 sena. (D.O.B 9/4/64). Għalkemm mill-istorja medika jirriżulta li l-Attur kien rikoverat diversi drabi l-isptar u kellu anke xi operazzjonijiet b'danakollu ma jidhirx li kellu xi mard ta' natura kronika li setgħu kienu determinanti fuq il-lonġevita' ta' ħajtu. Għalhekk abbażi tal-prinċipji fuq enunċjati ser tqis il-multiplier sal-

65 (sena pensjonabbli) li jwassal għal erbatax(14)-il sena. Il-Qorti ser tkun qed taħdem fuq is-salarju tal-Attur għas-sena qabel l-inċident iġifieri dik tal-2005, li kif diġa' indikat aktar l' fuq hija s-somma ta' €21,678.

<u>Il-Lump sum payment</u>

**41.** Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-lump sum payment. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event dannuż u s-Sentenza finali (ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001**). Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Caruana -vs- Camilleri PA tal-5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: *"jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction"* – (ara **Sentenza fl-ismijiet Agius -vs- Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**). Fis-**Sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet Mizzi -vs- Azzopardi tas-16 ta' Diċembru 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fis-Sentenzi fl-ismijiet **Spiteri -vs- Zammit Tabona App Ċiv Sup tas-16 ta' Marzu tal-1999 u Caruana A -vs- Camilleri App Ċiv Sup tas-27 ta' Frar 2004**, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fis-Sentenza fl-ismijiet **Galea -vs- Piscopo PA 3 ta' Ottubru 2003**, **5% f'Scicluna vs Meilaq PA 16 ta' Lulju 2001** u **0% fil-kawżi Turner - vs- Agius App Ċiv**

**Sup 28 ta' Novembru 2003, Bonnici - vs- Gauci PA 15 ta' Settembru 1999** meta għaddew 15-il sena.

**42.** Il-kriterju huwa kjarament marbut mal-perjodu ta' kemm damet il-kawża u mhux minn meta jkun seħħ l-inċident għaliex dawn iż-żewġ perjodi rari jkunu fl-istess sena. Meta din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' din il-kawża jidhrilha li l-perċentwali ta'18% bħala lump sum payment ikun ġust.

Perċentwal ta' diżabilita'

**43.** Skont rapport mediku ex parte tal-ortopediku Ryan Giordmaina, l-Attur għandu 11% diżabilta' permanenti (a' fol 69). Skont Plastic Surgery report, ukoll ex parte, id-diżabilita' hi 15% (ara a' fol 74). Mir-rapport mediku ta' Dr. F Zammit Maempel, ortopediku, maħtur mill-Qorti, id-diżabilita hija ta' 12% (a' fol 704). Skont Joseph Fenech, Plastic Surgeon, ukoll maħtur mill-Qorti diżabilita hi ta' 15% (a' fol 718).

**44.** Il-Qorti ħadet il-weighted average tat-tobba maħtura minnha u tasal għall-konklużjoni li l-Attur għandu diżabilita' permanenti ta' 22%. B'konsegwenza ta' dan l-inċident, apparti l-ammont ta' operazzjonijiet li l-Attur kellu jissottometti lilu nnifsu għalihom, sieq minnhom qsaritlu u sitt snin wara għadu jzappap minħabba li għandu riġel qasir.

**45.** Ma hemm ebda dubbju li din id-diżabilita' hija nuqqas psiko-fiżika menomanti, li xxekkel lill-Attur li għal bqija ta' ħajtu ser ikun nieqes min-numru ta' ħiliet kemm professjonali u kif ukoll soċjali. Għalhekk, apparti s-

somma likwidabbli bis-solita formula din il-Qorti qed arbitrio boni viri tillikwida s-somma oħra tal ħamset elef ewro (€5000).

Likwidazzjoni

**46.** €21,678 (Salarju) x 14 (snin ħajja lavorattiva) = €303,492 – 18% (lump sum payment) = €248,863 // 22% (rata ta' diżabilita') = €54,750 + €5000 (integrita' psiko fiżika) = €59,750. Din is-somma għandha tiżdied b'10% biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni. Huwa ormai stabbilit, li s-somma li qed titħallas illum bil-quddiem għal 14-il sena hija soġġetta għall-erożjoni fiż-żieda ċerta ta' ħwejjeġ bl-imnut. Il-purchasing power li għandha din is-somma illum żgur ser ikun anqas mal-medda taż-żmien. Għalhekk is-somma kollha tal-lucrum cessans hija ta' €65,724. Flimkien ma din is-somma trid tingħadd is-somma l-oħra rappresentanti damnum emergens ta' €35,536. Għalhekk is-somma finali tad-danni sofferti mill-Attur hija dik ta' €101,260.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju** lill-Awtorita' għat-Trasport ta' Malta.

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi limitatament fil-konfront tal-Kunsill Lokali Naxxar.

**Tilqa' t-tieni talba Attriċi** u tillikwida d-danni fis-somma ta' mitt elf u wieħed, mitejn u sittin ewro (€101,260).

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lill-Kunsill Lokali Naxxar iħallas id-danni hekk likwidati bl-imgħaxijiet legali sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-Kawża għall-Kunsill Lokali Naxxar.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**